KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

**Brussell, 5 ta' Marzu 2012 (06.03)**
**(OR. en)**

**7254/12**

**FISC 35**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 2 ta' Marzu 2012 |
| lil: | Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2012) 65 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2012) 65 final.

---

Mehmuż: COM(2012) 65 final

KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 2.3.2012
COM(2012) 65 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

## skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax

{SWD(2012) 16 final}

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax**

## 1. INTRODUZZJONI

L-Art. 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax (id-"Direttiva dwar ir-Riżervi" jew "id-Direttiva")[1] jgħid li "*Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill kull tliet snin dwar l-operazzjoni ta' din id-Direttiva. Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tipproponi lill-Kunsill kwalunkwe emendamenti lid-Direttiva li jidhru li huma meħtieġa sabiex tkun assigurata aħjar it-tassazzjoni effettiva ta' riżervi tad-dħul u biex tneħħi l-isfrattar mhux mixtieq tal-kompetizzjoni.*"

Ir-rapport għall-ewwel reviżjoni[2] ġie ppreparat fl-2008 (ir-"Rapport tal-2008")[3] u kien ikopri t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva, billi ġabar flimkien l-evalwazzjoni ekonomika[4] u l-parir tal-Kummissjoni dwar il-bżonn għal bidliet. Il-bidliet meħtieġa li ġew identifikati fir-Rapport tal-2008 kienu maħsuba prinċipalment sabiex jiċċaraw ċerti kwistjonijiet ta' interpretazzjoni u biex jagħlqu l-lakuni eżistenti. Għal dak il-għan, fit-13 ta' Novembru 2008 il-Kummissjoni adottat proposta li temenda[5] (il-"Proposta") għad-Direttiva bl-iskop li tagħlaq il-lakuni eżisteni u tipprevjeni aħjar l-evażjoni tat-taxxa.

Ir-rapport għal din it-tieni reviżjoni jkopri prinċipalment il-funzjonament u evalwazzjoni ekonomika tad-Direttiva. Is-sejbiet prinċipali ta' dan id-dokument, jiġifieri l-użu mifrux ta' ġurisdizzjonijiet offshore għall-entitajiet intermedjarji u t-tkabbir fi swieq ewlenin li jipprovdu prodotti komparabbli għall-pretensjonijiet ta' debitu jsaħħu l-argumenti għat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u l-ftehimiet rilevanti konklużi skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva. Dawn is-sejbiet huma konsistenti wkoll mal-impenn politiku espress mill-G20 biex jippromwovu l-konformità mal-istandards għall-iskambju

---

1 http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=DD:09:01:32003L0048:MT:PDF

2 http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/personal_tax/savings_tax/savings_directive_review/index en.htm

3 Rapport COM/2008/0552 http://eurlex.europa.eu/Result.do?T1=V5&T2=2008&T3=552&RechType=RECH_naturel&Submit=Search

4 Dettaljata fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jippreżenta evalwazzjoni ekonomika tal-effetti tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE fuq il-bażi tad-dejta disponibbli, Brussell, 15.9.2008, SEC(2008) 2420 http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/taxation/personal_tax/savings_tax/savings_directive_review/sec%282008%292420.pdf

5 Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar it-tassazzjoni tar-riżervi fuq id-dħul [fuq id-dħul mit-tfaddil] fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax, Brussell, 13.11.2008, COM(2008) 727 finali, http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2008:0727:FIN:MT:PDF

internazzjonali ta' informazzjoni fiskali u finanzjarja u biex jintużaw il-kontromiżuri kollha disponibbli sabiex jiġu miġġielda r-rifuġji fiskali u l-ġurisdizzjonijiet mhux kooperattivi li ma jikkonformawx ma' dawn l-istandards.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li qiegħed jakkumpanja dan ir-rapport jipprovdi iżjed dettalji fattwali tas-suġġetti ttrattati hawn taħt.

## 2. TRASPOŻIZZJONI U IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA

Fl-ewwel reviżjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Istati Membri kollha kienu ttrasponew id-Direttiva[6] u kienu bdew japplikaw ir-regoli ta' implimentazzjoni mid-dati skedati (jiġifieri l-1 ta' Lulju 2005 u, għall-Bulgarija u r-Rumanija, l-1 ta' Jannar 2007). Il-Kummissjoni fetħet proċeduri ta' ksur kontra Stati Membri individwali dwar elementi speċifiċi tar-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom li ġew magħluqa biss wara konferma mingħandhom li dawk ir-regoli kienu saru konformi mad-Direttiva. Attwalment m'hemm l-ebda proċedura ta' ksur pendenti.

Fil-laqgħa tal-Kunsill tal-ECOFIN tas-7 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tippreżenta rapport ad-hoc sa nofs l-2011 dwar l-applikazzjoni korretta u effettiva tad-Direttiva mill-Istati Membri. Fuq il-bażi tat-tweġibiet għal kwestjonarju mibgħut lill-Istati Membri kollha, is-servizzi tal-Kummissjoni kkompilaw dak ir-rapport (SEC 2011 (775) finali[7]) li ġie trażmess lill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2011.

| |
|---|
| Valutazzjoni tat-tweġibiet mill-Istati Membri tissuġġerixxi li wħud mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ġew interpretati b'mod differenti mill-Istati Membri. Xi wħud mir-riskji sottolinjati ta' interpretazzjoni differenti kienu diġà ġew identifikati fir-Rapport tal-2008. F'dan il-kuntest, il-problemi prinċipali jiġu mneħħija permezz tar-regoli ġodda korrispondenti kontenuti fil-Proposta. |

## 3. IL-FUNZJONAMENT TAD-DIRETTIVA

Il-funzjonament tad-Direttiva ġie vvalutat permezz ta' kwestjonarju mibgħut lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri dwar l-użu li jagħmlu mid-dejta skambjata taħt id-Direttiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni eżaminat l-istatistiċi pprovduti taħt id-Direttiva u kkummissjonat studju sabiex tivvaluta l-piż amministrattiv tad-Direttiva eżistenti għall-operaturi ekonomiċi. Is-sejbiet prinċipali tal-analiżi huma pprovduti hawn taħt.

### 3.1. Kwestjonarju dwar l-użu tad-dejta

Intbagħat kwestjonarju lill-esperti tal-Grupp dwar l-ACDT[8] rigward l-użu tad-dejta riċevuta mill-amministrazzjonijiet fiskali tagħhom mingħand Stati Membri oħra li kien jinkludi dan li ġej: l-użu tad-dejta għall-verifiki tat-taxxa; il-kwalità tad-dejta riċevuta mingħand Stati

6 http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:72003L0048:MT:NOT#FIELD_BE

7 http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/taxation/personal_tax/savings_tax/implementation/sec(2011)775_en.pdf

8 Grupp espert tal-Kummissjoni ta' esperti nazzjonali: Kooperazzjoni Amministrattiva fil-qasam tat-Tassazzjoni Diretta

Membri oħra; u jekk l-introduzzjoni tad-Direttiva wasslitx għal konformità aħjar mill-kontribwenti.

*L-aħjar prattiċi*

L-Istati Membri li wettqu valutazzjoni rrappurtaw riżultati pożittivi ta' konformità. Madankollu, din ir-reviżjoni tissottolinja xi oqsma li l-Istati Membri jistgħu jtejbu sabiex jagħmlu użu aħjar mill-informazzjoni skambjata:

- integrazzjoni ta' database tad-direttiva dwar ir-riżervi mad-database tat-taxxa nazzjonali;
- żvilupp ta' ġestjoni tar-riskju u proċess aktar awtomatizzat ta' kontroverifika tad-dejta;
- simplifikazzjoni tad-disseminazzjoni tad-dejta bejn l-amministrazzjoni ċentrali tat-taxxa u l-uffiċċji lokali tal-ġbir.

*Kwalità tad-dejta*

L-Istati Membri indikaw żieda ċara fil-kwalità tad-dejta li huma jirċievu minħabba l-format strutturat u r-regoli komuni ta' proċeduri li bihom tiġi rrappurtata d-dejta. Ipparagunata mal-iskambju ta' informazzjoni taħt trattati bilaterali, il-kwalità tad-dejta riċevuta taħt id-Direttiva hija konsiderevolment ogħla.

Madankollu, il-kwalità tad-dejta riċevuta xorta għadha ta' tħassib għal bosta Stati Membri. Attwalment, madwar nofs l-Istati Membri kkonfermaw li huma jwettqu kontrolli fuq il-kontenut tal-informazzjoni riċevuta mill-aġenti ta' pagament qabel ma jibagħtuhom lill-Istati Membri riċeventi.

Minħabba l-importanza li tiżdied il-kwalità, l-Istati Membri kollha għandhom jikkunsidraw li japplikaw kontrolli sistematiċi fuq il-kwalità tal-informazzjoni li trid tintbagħat. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma inkoraġġiti jużaw sistema ta' verifika onlajn li qed tiġi żviluppata mill-Kummissjoni għan-numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa (TIN) sabiex jiġi identifikat sewwa l-kontribwent.

### 3.2. Statistiċi taħt id-Direttiva

Billi d-Direttiva kienet ilha operattiva biss mill-01.07.2005, il-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel reviżjoni kien limitat minħabba nuqqas ta' dejta. Kien biss f'laqgħa tal-Kunsill tat-12.05.2008 li l-Istati Membri qablu dwar l-istatistiċi[9] li għandha tiġi pprovduta lill-Kummissjoni sabiex tiġi valutata l-effiċjenza u l-effettività tad-Direttiva.

Mill-ewwel reviżjoni 'l hawn, kienu definiti definizzjonijiet u formati tad-dejta li wasslu għal skambji aħjar u aktar f'waqthom ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Rigward il-kwalità tad-dejta skambjata, l-Istati Membri l-kbar jew li għandhom ċentri finanzjarji sinifikanti skambjaw l-aktar informazzjoni. Is-sena li fiha ntlaħaq l-ogħla livell ta' informazzjoni skambjata kienet l-2007 bit-tranżazzjonijiet irrappurtati vvalutati għal EUR 38,9 biljun (ċifra

[9] http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/08/st09/st09467.en08.pdf

għall-2009[10]: EUR 9,9 biljun). L-inklużjoni tar-rikavat gross fiċ-ċifri tista' twassal għal bażi ta' tqabbil differenti u jekk jiġi eskluż dan l-element, l-ammonti rrappurtati jkunu aktar stabbli (id-dħul mill-imgħax fl-2009 huwa ta' EUR 2,3 biljun (2007: EUR 3,6 biljun)). It-taxxa minn ras il-għajn kondiviża mill-pajjiżi kollha taħt id-Direttiva u l-Ftehimiet relatati dwar ir-Riżervi naqset minn EUR 700,9 miljun fl-2008 għal EUR 495,9 miljun fl-2009. It-tnaqqis kemm fl-informazzjoni skambjata kif ukoll fit-taxxa miżmuma jista' jiġi spjegat parzjalment mill-kriżi finanzjarja fl-aħħar kwart tal-2008 li wasslet għal tnaqqis sinifikanti fir-rati tal-imgħax għad-depożiti domestiċi fl-2009.

Karatteristika notevoli tad-dejta hija l-varjabilità għolja tal-informazzjoni skambjata mill-Istati Membri matul il-perjodu eżaminat. Eżerċizzju ta' simulazzjoni dwar id-depożiti transkonfinali tal-BĊE (taqsima 4 ta' dan ir-rapport) ikkonferma li, għal xi Stati Membri, l-ammonti tal-ħlasijiet ta' mgħax irrappurtati għat-tip klassiku ta' dħul mill-imgħax kienu taħt il-livell stmat għad-depożiti u r-rati tal-imgħax transkonfinali. Barra minn hekk, it-tweġibiet mill-Istati Membri għar-rapport ad-hoc (taqsima 2 ta' dan ir-rapport) indikaw li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jibbażaw prinċipalment fuq l-applikazzjoni korretta tal-linji gwida tagħhom mill-aġenti ta' pagament għall-identifikazzjoni korretta tad-dħul rilevanti li għandu jiġi rrappurtat, għalkemm għandhom fis-seħħ dispożizzjonijiet sabiex iwettqu awditjar u japplikaw sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva.

Sabiex jindirizzaw il-kwistjoni tal-varjazzjoni fid-dejta skambjata matul is-snin fiskali, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-użu ta' kontrolli fuq il-kompletezza tad-dejta sottomessa mill-aġenti ta' pagament tagħhom, inklużi dawn li ġejjin: (i) għandu jinħoloq reġistru ċentrali minn kull Stat Membru li jelenka l-aġenti ta' pagament stabbiliti fil-ġurisdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi verifikat jekk id-dejta tkunx ġiet sottomessa meta suppost; (ii) analiżi tal-varjazzjoni tad-dejta sottomessa mill-aġenti ta' pagament, b'mod partikolari għall-ammonti rrappurtati u n-numru ta' użufruttwarji; (iii) kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jissaħħu l-proċeduri ta' awditjar relatati mal-aġenti ta' pagament li jinkludu s-sistemi u l-linji gwida għall-kontroll intern tal-aġenti ta' pagament; u (iv) l-iżvilupp ta' punti ta' riferiment u tqabbil ma' sorsi oħra ta' dejta, pereżempju l-istatistika nazzjonali dwar ir-rappurtar tad-depożiti transkonfinali.

### 3.3. Evalwazzjoni tal-ispejjeż tal-bidu u rikorrenti tal-implimentazzjoni tad-Direttiva

Studju sabiex jiġi vvalutat il-piż amministrattiv tad-Direttiva eżistenti fuq l-operaturi ekonomiċi kkonkluda li diġà kien hemm informazzjoni disponibbli għalihom dwar il-biċċa l-kbira tal-obbligi ta' rapportar taħt id-Direttiva eżistenti minħabba l-leġiżlazzjoni kontra l-ħasil tal-flus[11], il-leġiżlazzjoni domestika jew il-prattiċi interni tan-negozju. Madankollu, l-ebda wieħed mir-rispondenti ma indika li kien se jiġbor informazzjoni dwar l-Artikolu 4(2) (dispożizzjonijiet dwar aġent ta' pagament b'riċevuta) sakemm ma jkunx meħtieġ jagħmel dan mid-Direttiva.

---

[10] L-Isvezja ma ssottomettietx dejta lill-Kummissjoni dwar l-informazzjoni skambjata ma' Stati Membri oħra għas-snin fiskali kollha. L-Irlanda kellha problemi tekniċi bis-sottomissjoni tagħha tad-dejta għall-2009.

[11] Id-**Direttiva 2005/60/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet fir-rappurtar skont id-Direttiva huma kkunsidrati mill-aġenti ta' pagament bħala spejjeż "normali" u għalhekk il-piż amministrattiv assoċjat ma jidhirx li huwa eċċessiv.

## 4. EVALWAZZJONI EKONOMIKA

Bħala parti minn din ir-reviżjoni saret evalwazzjoni ekonomika sabiex jiġi analizzat l-iżvilupp ta' swieq prinċipali tal-UE u mhux tal-UE għal prodotti tat-tfaddil f'termini tal-importanza tas-swieq rilevanti u l-istruttura ġeografika tal-bażi tal-klijenti tagħhom. Intużat dejta tar-rappurtar bankarju mill-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI), il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-Bank Nazzjonali Svizzeru (SNB). Id-dejta tal-BĊE ntużat ukoll sabiex jitwettaq eżerċizzju ta' simulazzjoni dwar il-kopertura tal-bażi potenzjali ta' skambju jew żamma ta' informazzjoni .

Barra minn hekk, intużat dejta dwar swieq speċifiċi rilevanti – (1) bonds u ishma (mis-CPIS tal-FMI), (2) prodotti ta' dejn u ekwità u derivattivi b'mod ġenerali (mill-Eurostat), (3) prodotti strutturati bl-imnut (minn Avery), (4) UCITS (prinċipalment mill-EFAMA) u (5) prodotti tal-assigurazzjoni (prinċipalment minn studju minn Economics Europe) sabiex jiġi analizzat l-iżvilupp ta' dawk is-swieq matul l-aħħar snin.

Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, it-terminu UCITS huwa maħsub li jirreferi għal impriżi jew entitajiet awtorizzati skont id-Direttiva 2009/65/KE[12] (li qabel kienet id-Direttiva 85/611/KEE[13]). It-termini mhux tal-UCITS u fondi mhux tal-UCITS jirreferu għall-fondi jew skemi ta' investiment kollettivi l-oħra kollha.

Is-sejbiet prinċipali tal-evalwazzjoni huwa pprovduti hawn isfel.

### DEJTA TAL-BĦI

L-Istatistiċi Bankarji Lokazzjonali Internazzjonali tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI) tinkludi dejta ta' kull tliet xhur dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-banek domestiċi u l-fergħat ta' banek barranin li jinsabu fit-43 pajjiż parteċipant analizzati fuq bażi bilaterali skont il-pajjiż ta' konfront tal-kontropartijiet barranin tagħhom. Il-pożizzjonijiet huma rrappurtati fuq bażi grossa u mhux konsolidata u f'miljuni ta' USD.

Ħafna miċ-ċentri finanzjarji importanti offshore ma qablux mad-divulgazzjoni tal-pożizzjonijiet bilaterali tagħhom permezz tal-BĦI. Madankollu, id-dejta pubblikament disponibbli tal-BĦI, inkluża d-dejta dwar il-pajjiżi ta' konfront[14], ippermettiet analiżi dettaljata tal-impriżi offshore b'ġurisdizzjonijiet kemm ġewwa kif ukoll barra n-netwerk tal-Ftehimiet dwar ir-Riżervi.

---

12 Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32

13 Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), ĠU L 375, 31.12.1985, p. 3

14 L-Istati Membri kollha, l-Isvizzera u Guernsey qablu mad-divulgazzjoni tal-pożizzjonijiet bilaterali tagħhom mal-pajjiżi kollha ta' konfront, jiġifieri l-pajjiżi tad-detenturi ta' depożiti tagħhom.

Id-dejta pubblikament disponibbli tal-BĦI indikat li l-ammont ta' depożiti mhux bankarji barranin għall-Gżejjer Kajman fl-2011 huwa t-tieni l-akbar tal-pajjiżi parteċipanti tal-BĦI u komparabbli ma' dak tal-Istati Uniti. Ir-riżultati ta' konfront urew li sehem sinifikanti tad-depożiti mhux bankarji fl-Istati Membri, u f'ġurisdizzjonijiet fi ħdan in-netwerk tal-Ftehimiet dwar ir-Riżervi, huma miżmuma minn klijenti li jinsabu f'ġurisdizzjonijiet offshore (medja ta' 35% għall-Istati Membri u l-ġurisdizzjonijiet fi ħdan in-netwerk tal-Ftehimiet dwar ir-Riżervi kombinati għas-snin 2000 – 2010; għall-ġurisdizzjonijiet fi ħdan in-netwerk tal-Ftehimiet dwar ir-Riżervi, dan is-sehem laħaq l-ogħla livell ta' 65% fl-2007)[15].

Ir-rilevanza taċ-ċentri offshore bħala post għad-depożiti u bħala post tal-istabbiliment jew ġestjoni ta' strutturi ta' detenturi ta' depożiti mhux bankarji tindika li l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza (look-through) u dwar aġent ta' pagament mal-wasla għal ċerti strutturi legali li jinsabu f'ġurisdizzjonijiet offshore hija ġustifikata u meħtieġa kemm għad-Direttiva kif ukoll għall-Ftehimiet dwar ir-Riżervi.

15 Wieħed jista' raġonevolment jassumi li s-settur mhux bankarju f'dawn il-ġurisdizzjonijiet ma jikkonsistix prinċipalment minn kumpaniji industrijali jew individwi, iżda minn entitajiet intermedjarji.

## DEJTA TAL-BĊE

*Simulazzjoni tal-kopertura*

Id-dejta pprovduta mill-BĊE hija bbażata fuq l-istatistiċi mill-karta tal-bilanċ tal-IFM[16]. L-istituzzjonijiet finanzjarji f'kull Stat Membru jirrappurtaw kull xahar lill-BĊE d-depożiti miżmuma minn familji mhux residenti li jinsabu fiż-żona tal-euro. L-ammonti huma rrappurtati għaż-żona sħiħa tal-euro mingħajr tqassim dettaljat bejn l-Istati Membri individwali taż-żona tal-euro. Id-dejta hija maqsuma skont is-settur tad-detentur tad-depożitu (inkluż tqassim dettaljat għall-familji) b'seba' maturitajiet differenti tar-rata tal-imgħax. Din id-dejta ntgħażlet bħala l-aħjar disponibbli biex fuqha jitwettaq eżerċizzju ta' simulazzjoni sabiex tiġi pprovduta evalwazzjoni limitata ta' jekk id-dejta skambjata (jew it-taxxa miżmuma) skont id-Direttiva tirriflettix kopertura sodisfaċenti tal-bażi għat-taxxa potenzjali involuta.

Bl-użu ta' parametru referenzjarju ta' kopertura stmata ta' 70% għad-dejta medja għas-snin fiskali 2006-2009, 7 Stati Membri qegħdin taħt il-parametru referenzjarju ta' 70% kopertura filwaqt li 4 oħrajn qegħdin taħt il-100%. 16-il Stat Membru jaqbżu l-100%[17].

| |
|---|
| Ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' simulazzjoni jappoġġjaw ulterjorment il-ħtieġa li l-Istati Membri jikkunsidraw l-użu ta' kontrolli sistematiċi dwar il-kompletezza tad-dejta sottomessa mill-aġenti ta' pagament tagħhom kif suġġerit fit-taqsima 3.2 |

*Evoluzzjoni tad-depożiti transkonfinali mill-familji fiż-żona tal-euro*

Id-dejta tal-BĊE ġiet analizzata wkoll sabiex tiġi valutata l-evoluzzjoni tad-depożiti transkonfinali. Id-depożiti mill-maturitajiet kollha, inklużi d-depożiti overnight li ġeneralment jipproduċu mgħax baxx, ammontaw għal EUR 164 biljun fl-2003 u laħqu l-ogħla livell ta' iżjed minn EUR 247 biljun f'Ottubru 2008 (żieda ta' 50% għall-perjodu).

Id-depożiti b'maturità miftiehma naqsu minn EUR 72 biljun f'Jannar 2003 għal EUR 60 biljun f'Novembru 2005 – 15% għall-perjodu u tnaqqis kull xahar ta' -0.52%. Dan mhuwiex replikat mid-depożiti mingħajr maturità miftiehma (eż. id-depożiti overnight). Distinzjoni aktar bir-reqqa bejn ix-xejriet għad-depożiti b'maturità miftiehma fiż-żona tal-euro u l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro turi li x-xejra 'l isfel sa Novembru 2005 ġiet prinċipalment minn Stati Membri li qegħdin fiż-żona tal-euro (-38.84% għall-perjodu u tnaqqis kull xahar ta' -1.51%). Matul it-tliet snin ta' wara minn Novembru 2005 sa Novembru 2008, iż-żewġ kategoriji juru żieda li taqbel kważi perfettament fid-depożiti transkonfinali minn EUR 60 biljun għal EUR 81 biljun (żieda ta' 25% għaż-żona tal-euro u 30% għaż-żona mhux tal-euro rispettivament).

---

16 IFM: istituzzjoni finanzjarja monetarja

17 Riżultati ogħla minn 100% huma normali billi d-definizzjoni tad-dħul mill-imgħax fid-Direttiva hija aktar wiesgħa mid-depożiti koperti mid-dejta tal-BĊE

Wara t-tmiem tal-2008, id-depożiti b'maturità miftiehma fl-Istati Membri taż-żona tal-euro jidhru li sofrew l-akbar tnaqqis (minn EUR 41 biljun f'Novembru 2008 għal EUR 21 biljun f'Marzu 2010), prinċipalment minħabba l-kriżi finanzjarja.

| |
|---|
| Ix-xejriet għad-depożiti transkonfinali tal-familji fiż-żona tal-euro fi Stati Membri oħra juru żieda ġenerali sal-bidu tal-kriżi finanzjarja. Iż-żieda kienet imbuttata primarjament minn depożiti mingħajr maturità miftiehma (eż. depożiti overnight b'rati tal-imgħax baxxi ħafna), filwaqt li d-depożiti b'maturità miftiehma (eż. il-kontijiet tat-tfaddil għal perjodu taż-żmien b'rati ta' mgħax aktar għoljin) fl-Istati Membri fiż-żona tal-euro naqsu sa Novembru 2005, iżda wara rkupraw bi qbil mad-depożiti barra miż-żona tal-euro. |

## Dejta tas-SNB

Il-Bank Nazzjonali Svizzeru (SNB) joħroġ pubblikazzjoni annwali "Banks in Switzerland" li tipprovdi statistika dettaljata bbażata fuq ir-rapporti finanzjarji tal-banek Svizzeri. Fuq kollox, il-pubblikazzjoni tipprovdi xi analiżi ġeografika u/jew dwar il-klijenti dettaljata għal: (i) "L-analiżi ġeografika tal-assi u l-obbligazzjonijiet murija fil-karta tal-bilanċ"; (ii) "In-negozji fiduċjarji, skont il-pajjiż"; u (iii) "Il-pussess ta' titoli f'kontijiet ta' kustodja bankarji, skont id-domiċilju tad-detentur tal-kont ta' kustodja, il-kategorija tat-titolu u s-settur tan-negozju".

| |
|---|
| Ir-riżultati mid-dejta tas-SNB juru bażi ta' klijenti b'saħħitha f'ġurisdizzjonijiet offshore kemm ġewwa kif ukoll barra n-netwerk ta' Ftehimiet dwar ir-Riżervi[18]. Din tikkonferma l-ħtieġa urġenti (ara wkoll it-taqsima hawn fuq iddedikata lid-dejta tal-BĦI) li jiġu indirizzati dawn il-każijiet meta strutturi intermedjarji f'ġurisdizzjonijiet offshore jkunu involuti fil-ħlas ta' dħul mir-riżervi minn ġurisdizzjonijiet fi ħdan in-netwerk tal-ftehimiet dwar ir-riżervi u b'mod partikolari l-Ftehim bejn l-UE u l-Isvizzera dwar it-Tassazjoni ta' Riżervi. |

## Dejta mis-CPIS tal-FMI

Fl-Istħarriġ Ikkoordinat tiegħu dwar Investiment f'Portafoll (CPIS), il-FMI jirrapporta pożizzjonijiet ta' investiment transkonfinali (holdings ta' investiment bil-prezzijiet prevalenti fl-aħħar tas-sena) ta' investituri residenti f'74 pajjiż parteċipant (pajjiż tal-investitur) bi tqassim skont il-pajjiż korrispondenti tal-investiment (pajjiż tal-emittent). Id-dejta fil-prinċipju tiġi kkompilata skont fejn ikun jinsab id-debitur (emittent ta' dejn jew ekwità) u l-kreditur (investitur) li mhux neċessarjament tirreplika l-istatus użufruttwarju tal-aġent ta' pagament li huwa ċentrali għall-funzjonament tad-Direttiva.

18 Pereżempju, l-obbligazzjonijiet fiduċjarji għall-entitajiet (prinċipalment mhux bankarji) fl-Indji tal-Punent (Għall-iskopijiet tal-BNS u tal-BĦI dan jinkludi Angwilla, Antigwa u Barbuda, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi, Montserrat u St. Christopher/St. Kitts – Nevis) u l-Panama (b'ishma ta' 16% u 9% rispettivament) jiġu l-ewwel u t-tieni bħala sehem fl-obbligazzjonijiet fiduċjarji kollha.

Jistgħu jinsiltu żewġ konklużjonijiet prinċipali mid-dejta tas-CPIS dwar l-Istati Membri li jipprovdu qasma settorjali dettaljata:

L-introduzzjoni tad-Direttiva ma żammitx lill-investituri individwali milli jinvestu f'titoli maħruġa fl-Istati Membri u b'mod partikolari dawk li jiskambjaw informazzjoni. Bil-kuntrarju, għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri mistħarrġa, l-individwi żiedu l-investiment tagħhom f'titoli fl-Istati Membri, b'mod partikolari dawk li jiskambjaw l-informazzjoni; u

L-industrija tal-fondi ta' investiment tal-Lussemburgu esperjenzat żieda sinifikanti fis-sehem tagħha ta' investimenti transkonfinali fl-ekwità tal-familji fl-UE.

### DEJTA TAL-EUROSTAT

*Dħul*

Sar tqabbil bejn id-dħul li rċevew il-familji meta mqabbel mas-setturi kollha tal-ekonomija għall-elementi ta' dħul fi u barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva sabiex jiġi ċċekkjat jekk kienx hemm sostituzzjoni tal-prodotti. Id-dejta żvelat li, matul il-perjodu 2000-2009, id-dħul mill-imgħax riċevut mill-familji tal-UE bħala proporzjon tal-introjtu mill-proprjetà[19] kien relattivament stabbli sal-2008 qabel naqas f'daqqa fl-2009 minħabba r-rati ta' mgħax aktar baxxi riċevuti fuq il-pretensjonijiet ta' debitu wara l-kriżi finanzjarja, xejra li tapplika wkoll għall-ekonomija totali.

Fuq il-bażi tad-dejta tal-Eurostat dwar id-dħul[20] ma setgħet tiġi osservata l-ebda ċaqliqa evidenti fis-sors tat-tfaddil lejn prodotti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

*Assi*

Analiżi tal-assi ta' dejn miżmuma mill-familji żvelat li dawn l-assi kienu relattivament stabbli matul il-perjodu 2000-2009 meta mqabbel mal-ekwità miżmuma mill-familji li naqset kważi bin-nofs matul l-istess perjodu, li jista' jirrifletti l-istmellija akbar tar-riskju tal-investituri u tnaqqis ġenerali fil-valur tal-ishma. Żvilupp notevoli huwa ż-żieda kbira fid-derivati finanzjarji miżmuma mill-familji (1,05% tal-assi totali tal-familji fl-1999 u 18,03% fl-2009).

L-użu akbar tad-derivati finanzjarji jappoġġja estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva sabiex tinkludi prodotti finanzjarji strutturati fejn il-bażi tal-assi hija ekwivalenti għall-pretensjonijiet ta' debitu.

### PRODOTTI STRUTTURATI BL-IMNUT

Il-Kummissjoni użat id-database Avery tal-prodotti strutturati bl-imnut li fiha dejta dettaljata dwar 34 suq u fiha 'l fuq minn 2 miljun prodott varati madwar id-dinja kollha. Minn Jannar 2005 id-database hija stmata li tinkludi madwar 90% tal-prodotti strutturati bl-imnut maħruġa fl-Ewropa. Il-limitazzjoni prinċipali hija li d-database hija ddisinjata għall-ħtiġijiet

19 Introjtu mill-proprjetà: dħul derivat mill-assi

20 Għandu jiġi nnotat li limitazzjoni prinċipali tad-dejta tal-Eurostat hija li din ma tiddistingwix bejn dħul domestiku u dħul transkonfinali, u għalhekk jistgħu jinġibdu biss konklużjonijiet ġenerali.

ta' kummerċjalizzazzjoni tal-klijenti tagħha u ma tiddistingwix għall-iskopijiet tad-Direttiva bejn investimenti domestiċi u investimenti transkonfinali. Madankollu, irrispettivament min-nuqqas ta' dejta speċifika dwar l-element transkonfinali, l-importanza ta' dan is-suq ta' prodotti hija murija mid-daqs tas-suq fejn l-ammont pendenti preżenti ta' bejgħ fis-swieq koperti tal-UE huwa ta' EUR 767,3 biljun. Dan is-suq ta' prodotti għadda minn żvilupp rapidu b'mod ġenerali (żieda annwali medja ta' iżjed minn 30%) bi proporzjon għoli tal-prodotti b'elementi ta' protezzjoni tal-kapital (li ddominaw il-ħruġ f'termini ta' volumi b'sehem ta' 60-70%) u elementi sottostanti bbażati fuq l-imgħax (is-sehem tal-klassi ta' assi bbażati fuq ir-rata tal-imgħax tela' minn 3.2% fl-2001 għal kważi 30% fl-2007).

L-importanza murija tas-suq tal-prodotti strutturati u b'mod partikolari tal-prodotti simili għall-pretensjonijiet ta' debitu kif ukoll l-iżvilupp ta' swieq Ewropej partikolari li qegħdin iservu primarjament investituri bl-imnut barranin tiġġustifika u tappoġġja l-estensjoni tad-Direttiva u l-Ftehimiet dwar ir-Riżervi sabiex jinkludu t-tipi ta' prodotti strutturati kkonċernati.

**Dejta dwar l-UCITS[21]**

Rigward is-sostitwibbiltà tal-fondi, id-dejta pprovduta mill-EFAMA[22] rrappurtat tnaqqis fil-fondi ta' bonds bħala % tal-UCITS totali (31% fl-2002 – 23% fl-2010) b'żieda fl-investiment fl-UCITS ta' kategoriji oħra ta' fondi li kienu aktar probabbli jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/48/KE minħabba l-kompożizzjoni tal-assi tagħhom. Bl-istess mod, kien hemm ċaqliq lejn fondi mhux tal-UCITS matul l-istess perjodu (22% fl-2002 għal 25% fl-2010).

Iż-żieda fil-fondi mhux tal-UCITS, għalkemm mhux neċessarjament imbuttata minn strateġiji għall-evitar tat-taxxa, tiġġustifika l-elementi kontenuti fil-Proposta maħsuba sabiex iġibu trattament ugwali tal-fondi tal-UCITS u l-fondi mhux tal-UCITS li jkollhom kompożizzjoni komparabbli tal-assi.

**PRODOTTI TAL-ASSIGURAZZJONI**

Kemm is-sorsi tad-dejta kif ukoll l-evidenza aneddotali jissuġġerixxu l-korrettezza tal-inklużjoni tal-prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja b'element ta' investiment fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta. Ir-rapport dwar il-PRIPS[23] minn Europe Economics identifika l-importanza tal-assigurazzjoni tal-ħajja marbuta ma' unitajiet bħala proporzjon mis-suq tal-assigurazzjoni tal-ħajja tal-UE, inklużi l-Istati Membri li għandhom negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja transkonfinali sinifikanti ma' investituri bl-imnut fl-UE.

L-iżvilupp ta' swieq transkonfinali sinifikanti għal prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja marbuta ma' unitajiet (ikkunsidrati bħala kanal ta' distribuzzjoni għall-UCITS) jiġġustifika l-element kontenut fil-Proposta li bih id-Direttiva testendi għal benefiċċji minn prodotti tal-assigurazzjoni komparabbli mal-pretensjonijiet ta' debitu.

---

[21] Dwar id-definizzjoni applikabbli, ara paġna 6 aktar 'il fuq.

[22] EFAMA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ġestjoni tal-Fondi u l-Assi

[23] Study on the Costs and Benefits of potential changes to distribution rules for Insurance Investment Products and other Non-MIFID packaged retail investment products. http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/docs/2010/prips/costs_benefits_study_en.pdf

## 5. Konkluzjonijiet

L-Istati Membri b'mod ġenerali esprimew is-sodisfazzjoni tagħhom bid-dejta li rċevew skont id-Direttiva sabiex tiġi assigurata l-konformità tal-kontribwenti tagħhom għar-rappurtar tad-dħul mill-imgħax. Għall-perjodu eżaminat, l-Istati Membri indikaw żieda ċara fil-kwalità tad-dejta li rċevew, li huma jattribwixxu għall-format strutturat u r-regoli komuni li bihom id-dejta tiġi rrappurtata. Ir-reviżjoni indikat ukoll kif l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu aħjar mid-dejta u wriet il-ħtieġa li jiġu mtejba aktar il-korrettezza u l-kompletezza tad-dejta skambjata.

L-analiżi ekonomika wriet li l-aġġornament tad-Direttiva u tal-Ftehimiet rilevanti dwar ir-Riżervi, f'termini tal-ambitu tal-prodotti kif ukoll it-transazzjonijiet u l-operaturi ekonomiċi koperti, huwa meħtieġ b'mod urġenti sabiex jiġu indirizzati l-possibbiltajiet eżistenti għal tidwir mar-regoli, inklużi dawk li jirriżultaw minn sitwazzjonijiet trijangulari li jinvolvu ġurisdizzjonijiet kemm ġewwa kif ukoll barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehimiet dwar ir-Riżervi. Hemm bżonn kunsens dwar il-Proposta u l-adozzjoni ta' mandat ta' negozjar għal titjib ekwivalenti f'dawn il-Ftehimiet sabiex ikunu promossi t-trasparenza u l-governanza tajba f'materji relatati mat-taxxa kemm ġewwa kif ukoll barra mill-UE.